**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 22 ta' Gunju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Joseph Busuttil**

**Spettur Nicholas Vella**

**Vs**

**Ahmad Sheikh Ahmad**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Ahmad Sheikh Ahmad ta' 38 sena, mwieled fit-2 ta' Marzu 1977 gewwa Aleppo, Syria, iben Ramadan u Ghazaleh residenti Highlands, Block B, Flat 1, Triq il-Kbira, Mosta, Detentur tal-Karta tal-identita bin-numru 78208A;

Talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa l-Mosta nhar it-8 ta' Marzu 2015, fis-sieghat bikrin ta' filghodu:

1) Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Jorunn Berget imwielda 1 ta' Marzu 1993;

2) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Jorunn Berget imwielda 1 ta' Marzu 1993 meta hija ma kienetxf'puzizzjoni li tirrezisti minhabba mard tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-ghemil tal-hati;

3) Bla ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil

Jorunn Berget imwielda 1 ta' Marzu 1993, sabiex toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

4) Hebb ghal Jorunn Berget imwielda 1 ta' Marzu 1993 u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. M. Scerri MD;

5) Talli offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

6) Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma Jorunn Berget imwielda 1 ta' Marzu 1993;

8) Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

9) F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata sentenza mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva w ma tistax tigi mibdula

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Din il-kawza tittratta allegat stupru vjolenti kommess fuq il-persuna ta' Jorun Berget, tfajla ta' 22 sena min-Norvegja. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Marzu, 2015, Berget kienet Paceville flimkien ma' xi hbieb ohra taghha. Ghal xi l-4.00am, hi bdiet thossha ghajjiena u ma tantx tiflah, u riedet tmur id-dar.

Dak iz-zmien kienet qed tghix f'appartament il-Mosta flimkien ma' hbieb ohra. Hi talbet biex tmur lura d-dar ma' certu Felix, ragel Malti li kien kera l-appartament lilhom, u li bhala xoghol kellu wkoll *minivan* li permezz tieghu kien iwassal lil dawn iz-zghazagh u jehodhom lura d-dar. Gara, izda li l-hbieb li kienu ma' Berget lahqu ltaqghu ma' persuna ohra, jismu Jimmy, persuna ta' nazzjonalita' Sirjana, li qalilhom li seta' jwassalha habib iehor tieghu Sirjan bhalu. Lil dan Jimmy kienu jafuh u jafdawh, u ghalhekk ghazlu li Berget tirkeb fil-vettura ta' dan il-habib ta' Jimmy u jwassalha d-dar il-Mosta. Flimkien ma' dan il-habib ta' Jimmy kien hemm ragel zaghzugh iehor, ukoll ta' nazzjonalita' Sirjana. Ghalhekk dawn iz-zewgt irgiel saqu l-vettura lejn il-Mosta, u Berget kienet riekba fuq wara. Dak il-hin Berget ma kienetx qed thossha f'sikitha, peress illi rrisulta li kienet ikkonsmat kwantita' ta' alcohol dak il-lejl. Hekk kif waslu l-Mosta, is-sewwieq waqqaf il-vettura, u r-ragel l-iehor li kien riekeb maghhom nizel mill-vettura. B'hekk ix-xufier issa gie wahdu ma' Berget. Kif waslu hdejn il-lokalita' ta' Santa Margerita fil-Mosta, is-sewwieq rega' waqqaf il-vettura tieghu, u din id-darba mar ghal fuq in-naha ta' wara u ipprova jkollu x'jaqsam sesswalment ma' Berget. Ghalkemm hi ghamlet minn kollox biex tirresistih, hu xorta rnexxielu jnezzaghlha parti minn hwejjigha u pprova jistupraha. F'hin minnhom hu waqaf, Berget harget mill-vettura u hu saq 'l hemm. Ghalkemm kienet fi stat hazin hafna, Berget irnexxielha twaqqaf vettura ohra u rceviet l-ghinuna minn dawn it-terzi. Sadattant cemplet lill-hbieb taghha li kienu ghadhom Paceville, u marret tiltaqa' maghhom id-dar. Hemmhekk qaltilhom xi gralha, u huma cemplu lil Jimmy biex jaraw ghalfejn dan il-habib tieghu kien ghamel hekk lil Berget.

Dan Jimmy irrisulta li fil-fatt jismu Mohammed Sheikh Ahmad, u li x-xufier li aggredixxa lil Berget u r-ragel l-iehor riekeb fil-vettura maghhom huma hutu t-tnejn li huma. Ix-xufier jismu Ahmad Sheikh Ahmad, u huh iz-zghir jismu Ahmad Sheikh Abdullah. Berget ghamlet rapport lill-Pulizija l-ghada tal-incident, it-Tnejn 9 ta' Marzu 2015, u l-Pulizija bdiet l-investigazzjoni taghha. Wara li arrestat lil Ahmad Sheikh Ahmad u ttiehdet stqarrija tieghu, hu tressaq il-Qorti bl-akkuzi kif dedotti.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda f'din il-kawza. Ix-xhud ewlenija ovvjament kienet l-allegata vittma, Jorun Berget, li xehdet fil-Qorti permezz ta' video conferencing u kkonfermat il-verzjoni shiha li kienet tat lill-Magistrat Inkwerenti fl-istadju tal-in genere. Hemmhekk kienet qalet li l-imputat uza l-forza fuqha u rnexxielu jnezzaghha mill-jeans li kienet liebsa, sa rkobbtejha, u kellu x'jaqsam sesswalment maghha. Hi sostniet li hu kien ippenetraha bil-parti privata tieghu fil-parti privata taghha ghal madwar tletin sekonda, hekk kif kienet qalet ukoll fir-rapport li kienet ghamlet gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta. Qalet li hi ppruvat tirresistih izda hu kien uza s-sahha u l-forza fuqha. Meta hu waqaf u hi harbet mill-vettura, waqqfet vettura ohra misjuqa minn persuni maltin u dawn offrewlha l-ghinuna. Dawn wassluha sad-dar taghha l-Mosta, fejn tkellmet mal-hbieb taghha. Fid-deposizzjoni li tat quddiem din il-Qorti, hi gharfet lill-imputat bhala l-aggressur taghha.

Xehdu wkoll il-hbieb ta' Berget, Marit Terese Skojld u Liss Isabel Straume, li qalu li kienet maghhom dak il-lejl u li halluha tmur fil-vettura ma' dan il-habib ta' Jimmy, li kif irrisulta kien fil-fatt huh, l-imputat odjern. Xehdet ukoll il-persuna li waqfet taghti l-ghinuna lil Berget, Eliza Chircop, li qalet li l-vittma kienet mifxula u tibki u tolfoq il-hin kollu, u li wassluha sal-apartament taghha l-Mosta. Xehed Jimmy, cioe' Mohammed Sheikh Ahmad, li qal li kien ikkonfronta lil huh, l-imputat, meta cemplulu u qalulu x'kien gara, u xehed li huh

innega li qatt kellu x'jaqsam ma' Berget. Xehed ukoll huh l-iehor, Ahmad Sheikh Abdullah, li ddikjara li ma ftakar xejn ta' x'kien gara dak il-lejl.

Xehed Felix Fenech, li huwa s-sid tal-appartament fejn kienu qed jirresjedu Berget u l-hbieb taghha, u kkonferma li dak il-lejl kienu cemplulu biex ighaddi ghal Jorun Berget bil-minivan tieghu, izda ftit tal-hin wara regghu cemplulu u qalulu li Berget kienet ser tmur lura d-dar ma xi hadd iehor. Xehed ukoll li aktar tard qalulu x'kien gara, u kien qalilhom li ahjar imorru jaghmlu rapport lill-Pulizija.

Xehdu wkoll l-esperti tal-Qorti li kienu gew nominati fl-inkjesta, u li ghalhekk kienu ppreservaw il-provi malli kien sar ir-rapport. Xehdet Dr Marisa Cassar, li qalet li minn fuq il-hwejjeg imqatta' tal-vittma ma nstab ebda tracca tad-DNA tal-imputat. Xehed Dr Mario Scerri, li qal li meta hu kien kellem lil Berget, din kienet eskludiet li l-aggressur kellu x'jaqsam sesswalment maghha. Di fatti ma kienx sab marki jew sinjali fuq il-persuna taghha li jindika li kien hemm kuntatt sesswali bejniethom. Hu kien ezamina lil Berget u indika l-griehi hfief li hi kienet sofriet fl-incident.

In difesa, xehed l-imputat li nnega li kellu incident ma' Berget. Hu jghid li hu minnu li ried iwassalha d-dar, izda qal li hi hassitha hazin, riedet tohrog mil-vettura, halliha tohrog, hi waqghet mal-art, u kif mar jigborha hi qaltlu biex ma jmissiex. Ghalhekk hu saq 'l hemm u halliha fejn kienet. Din hija wkoll l-istess verzjoni li kien ta fl-istqarrija tieghu ftit jiem wara l-incident.

Mill-provi irrisulta li fil-lejl in kwistjoni, huwa minnu li l-imputat wassal lil Berget lejn il-Mosta minn Paceville, u li pprova jkollu x'jaqsam maghha sesswalment. Il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-imputat kien jaf ezatt x'inhu jaghmel, u kien jaf ezatt x'ried. Huwa fatt li hu joqghod il-Mosta fl-imkien ma' huh l-iehor li kien riekeb mieghu. Ma taghmel ebda sens logiku ta' xejn li l-ewwel iwaqqaf lil huh fid-dar fejn joqoghdu huma t-tnejn, imur iwassal lil Berget u wara jerga' jirritorna d-dar. Huwa evidenti li l-imputat kellu hsieb car f'mohhu, u kien ghalhekk li waqqaf lil huh u mbaghad kompla sejjer bil-vettura tieghu bit-tfajla fuq wara. Il-provi l-ohra kollha cirkostanzjali u indizzjarji kollha jikkorroboraw il-verzjoni li tat Bergen. Il-hwejjeg ta' taht taghha ma tqattawx minn xejn, izda tqattghu ghax l-imputat ipprova jnezzaghha. U ma hemm l-ebda raguni ghalfejn ipprova jnezzaghha hlief biex ikollu x'jaqsam maghha.

L-uniku diffikulta' li ghandha l-Qorti quddiemha hi dwar l-ewwel imputazzjoni, u cioe' dik ta' stupru vjolenti. Dan qed jinghad ghas-semplici fatt li l-Qorti hi konvinta li l-verzjoni li tat Jorun Berget fl-ghassa tal-Pulizija, kif ukoll il-verzjoni li tat lill-Magistrat Inkwerenti, u cioe' li kien hemm dak li jissejjah fil-kamp legali il-'kongungiment karnali' bejniethom, hija l-verzjoni korretta tal-fatti. Madankollu, l-espert tal-Qorti Mario Scerri jghid fir-rapport tieghu ikkonfermat anke in kontro-ezami, li meta hu tkellem maghha, hi eskludiet li kien hemm tali penetrazzjoni mill-imputat. Ghalhekk dan johloq dubju f'mohh il-Qorti li bil-fors iwassal biex dik l-imputazzjoni ma gietx ippruvata skond il-ligi. Il-Qorti tissimpatizza bis-shih ma' kull vittma ta' vjolenza, aktar u aktar vittma ta' stupru, li bla dubju hu wiehed mill-aktar reati kiefra imwettaq fuq il-persuna. Huwa possibbli li Berget hassitha dak il-hin li l-imputat kien

ser jippenetraha bil-parti tieghu. Hu kien diga’ irnexxielu jmissha b’idejh fil-parti taghha. F’dak il-mument ta’ paniku totali jista’ jkun li hi hasbet li kien ippenetraha. Jista’ jkun ukoll li fil-fatt irnexxielu, izda fin-nuqqas ta’ evidenza forensika li jikkonferma dan, u bix-xhieda ta’ Dr Scerri, li irrepeta x’kienet qaltlu l-vittma meta kellimha, il-Qorti ma tistax tasal ghal kundanna fuq dik l-imputazzjoni.

Min-naha l-ohra, l-imputazzjonijiet l-ohra kollha jirrizultaw ampjament ippruvati, u ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena ta’ prigunerija effettiva. Huwa ghal kollox ikkundannabbli li persuna timponi lilha nnifisha b’mod sesswali fuq persuna ohra kontra r-rieda taghha u bl-uzu tal-forza. Is-sess huwa l-aktar mument intimu u shih bejn zewg persuni. Li ragel jimponi ruhu b’dak il-mod fuq mara li ma jafx hija mgieba li ttellef ghal kollox id-dinjita’ tal-bniedem. L-uniku deterrent li l-Qorti taghti f’kazijiet bhal dawn huwa piena li tnaqqas il-liberta’ tal-persuna. L-oghla piena li tista’ tinghata ghar-reat ta’ attentat vjolenti ghall-pudur huwa ta’ tlitt snin prigunerija, u hija proprju dik il-piena li l-Qorti sejra taghti f’dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(c)(g), 198, 201(b), 202(f), 207, 209, 221, 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberah minnha.

In oltre din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tat-tieni, it-tielet w ir-raba’ akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal tlitt snin prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**